MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 651/1994/1

**L-Avukat Dottor Aldo Vella bhala mandatarju specjali, ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` estera Greens International Marketing S.A.**

**Vs**

**Paul Hili u Carmelo Hili it-tnejn bhala Diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Camarco Trading Limited, u b'nota tat-2 ta' Marzu Richard Abdilla Castillo assuma l-atti tal-kawza flimkien ma' Paul Hili u Carmelo Hili**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici hi kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' disa' mija u tmienja u tmenin elf tmien mija erbgha u disghin Dollaru Amerikan (US$ 988,894), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta' kummissjoni dovuta mill-istess socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas da parte tas-socjeta` attrici, inkluza l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1386/94, il-konvenuti *nomine* baqghu inadempjenti u ma hallsux;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici f'liri Maltin l-ekwivalenti tas-somma ta' US$ 988,894, bilanc minn ammont akbar, rapprezentanti valur ta' kummissjoni dovuta mill-istess Socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1386/94, u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Hili *et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma kienx dovut mis-socjeta` konvenuta stante li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba kien, fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, irritu, null u minghajr ezistenza stante li dn gie konkjuz qabel ma giet kostitwita s-socjeta` konvenuta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ma ezegwitx l-obbligi taghha taht l-imsemmi kuntratt u ghalhekk il-kuntratt - jekk qatt rabat lis-socjeta`

konvenuta - gie rizolt ai termini ta' l-Artikolu 177 tal-Kodici tal-Kummerc;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha ssir prova ta' dak kollu li ghamlet is-socjeta` attrici biex gie kkrejat favuriha l-kreditu mitlub kif ukoll tal-bazi tal-kalkoli relattivi;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Paul Hili *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha ta' 11 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala espert legali l-avukat Dr. Joseph A. Schembri biex ifittex u jirrelata dwar id-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol. 967 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas- 6 ta' Marzu 2002;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Fatti:

Illi Malta u r-Repubblika Russa kienu iffirmaw Protocol Kummercjali fil-11 ta' Frar 1991 ghall-perjodu 1991 – 1992 (EM15 – fol 797-800). Malta kienet appuntat lis-socjeta`

Malta Countertrade Co Limited filwaqt li r-Russja kienet appuntat lis-socjeta` Rosvneshtorg biex ihaddmu l-Protocol ghan-nom tal-Gvernijiet rispettivi;

Illi l-Malta Countertrade Co Limited, minn qabel ma sar il-Protocol, kienet hatret lis-socjeta` estera AWT Handelgesellshaft MBH biex tmexxi l-kummerc ghan-nom taghha. Skond Paul Hili, l-agenti ta' din is-socjeta` f'Malta kienu l-Carmarco Limited;

Illi fl-4 ta' Marzu 1991 il-Malta Countertrade Co Limited u s-socjeta` attrici iffirmaw ftehim imsejjah "Contract of Collaboration" (AV2 – 817-820) bl-iskop li s-socjeta` attrici tghin lill-istess Malta Countertrade Co Limited biex jizdied il-volum tal-kummerc taghha fir-Repubblika Russa taht il-Protocol kummercjali, u dan ghal kummissjoni ta' erba' fil-mija (4%) netti ta' *"all financial charges on the gross value of exports from Malta generated under this agreement"*. Wiehed fil-mija (1%) mill-kummissjoni imsemmija kien jithallas ad in saputa tas-socjeta` Malta Countertrade mis-socjeta` attrici lis-socjeta` estera Paxtrading Establishment, li kienet socjeta` inkorporata fl-Isvizzera u l-hlas kien isir fil-kont bankarju Svizzeru ta' l-istess kumpanija;

Illi jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti Ingliza ta' Lulju 1994 (AV17A – fol 849 – 862) li f'Settembru 1992 giet inkorporata f' Malta is-socjeta` konvenuta Camarco Trading Limited;

fl-14 ta' Dicembru 1992 il-Malta Countertrade Co Limited baghtet ittra lil Baize Textiles Exports Limited (AV5 – fol 824) fejn infurmata li kien gie iffirmat ftehim ricenti bejnha u l-Camarco Trading Limited u l-Creditanstalt-AWT Finanziaria SpA li permezz tieghu il-Malta Countertrade taghthom id-dritt esklussiv li jmexxu "countertrade operations" ai termini tal-Protocol Kummercjali. L-istess ittra infurmat lil Baize Textiles li s-socjetajiet Camarco Trading Limited u l-Creditanstalt-AWT Finanziaria SpA kienu obbligaw ruhhom li jhallsu l-ammont ta' $187,620.000 li kienu dovuti lilha. Dan gie ikkonfermat fl-

istess ittra mi-socjetajiet Camarco Trading Limited u Creditanstalt-AWT Finanziaria SpA;

Illi fit-30 ta' Awissu 1993 gie iffirmat ftehim bejn il-Malta Countertrade Co Limited u s-socjeta` konvenuta Camarco Trading Limited (AV6 – fol 825 - 826) li bih is-socjeta` konvenuta inghatat id-dritt li topera f'isimha kull transazzjoni ta' Countertrade li taqa' that l-iskop tal-Protocol. Dan l-imsemmi ftehim gie backdated sa' l-1 ta' April 1992 (ara klawsola 2);

Illi ukoll fit-30 ta' Awissu 1993 il-Malta Countertrade iffirmat ftehim iehor bejnha u l-Camarco Limited u s-socjeta` konvenuta Carmaco Trading Limited, (Dok AV7 – fol 827 - 828) li permezz tieghu is-socjeta` Camarco Limited obbligat ruha li taghmel tajjeb ghal kwalunkwe dannu li l-Malta Countertrade Co Limited tista' ssofri naxxenti minn xi kuntratti jew transazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Camarco Trading Limited;

Illi l-partijiet fil-kawza odjerna iffirmaw ftehim ta' kollaborazzjoni li jgib id-data 1 ta' April 1992 (AV8 – fol 836-838). Skond dan il-ftehim, ir-rwol tas-socjeta` attrici kienet giet limitata fis-sens li kellha tiehu hsieb biss l-esportazzjoni mir-Russja ghal Malta versu l-kumissjoni ta' *"3% of the turnover of all Countertrade operations carried out by Camarco under the Protocol."* ("Camarco" tirreferi ghal Camarco Trading Limited);

Illi l-abbli perit legali sema' bosta xhieda fil-hamsa u ghoxrin (25) seduta kull wahda ta' aktar minn siegha u nofs u ghamel analisi akkurat tal-punti kollha involuti; harsa lejn il-verbali ta' wara il-konferma tar-rapport tindika li l-partijiet ma kellhomx sottomissjonijiet ulterjuri x'jaghmlu – sakemm is-silenzju assolut tal-konvenuti ma kellux xi motivazzjoni differenti;

Fir-rapport tieghu l-perit legali spjega li ghall-perjodu 1991 sa Marzu 1992 il-kummissjonijiet li kienu dovuti lis-socjeta` attrici mill-Malta Countertrade thallsu kollha hlief ghal invoice wahda, 92/375 (Dok AV3 – fol 821 - 822) li kien jirraprezenta l-kummissjonijiet ghax-xahar ta' Marzu

1992. L-obbligu tal-hlas tal-kummissjonijiet dovuti ghax-xahar ta' Marzu 1992 ammontanti ghal $163,145 gie assunt mis-socjeta` konvenuta. (AV26A);

Illi fil-25 ta' Novembru 1992, il-Financial Controller tas-socjeta` attrici baghat fax lis-socjeta` konvenuta fejn infurmaha li sa dak in-nhar kien hemm dovut lilha s-somma ta' $555,926; fit-23 ta' Dicembru 1992 is-socjeta` konvenuta hallset is-somma ta' $250,000 akkont tas-somma ta' $555,926;

Illi sat-23 ta' April 1993 is-socjeta` attrici ikkalkulat li kienet dovuta lilha s-somma ta' $819,330, u Paul Psaila ghan-nom tas-socjeta` konvenuta kien baghat jinfurmaha permezz ta' fax li l-istess socjeta` konvenuta kienet sejra taffettwa pagament ta' $500,000 bil-possibilita` li din tkun ta' $700,000 mir-rikavat tax-shipment ta' zejt li kellu jsir dak iz-zmien (Dok AV31 – fol 883);

Illi sas-17 ta' Gunju 1993 is-socjeta` attrici ikkalkulat li kien dovut il-bilanc ta' $920.355, li wara xi negozjati bejn il-partijiet, tali somma giet ridotta ghal $916,766. Fit-12 ta' Lulju 1993 (AV12 – fol 842) Paul Psaila ghan-nom tas-socjeta` konvenuta kien baghat jinforma lis-socjeta` attrici li s-somma konvenuta kienet ser thallas is-somma ta' $450,000 mir-rikavat tal-konsenja li kien imiss taz-zejt;

Illi matul is-sena 1994 kien hemm diversi talbiet bil-miktub mis-socjeta` attrici ghall-hlas izda ebda pagament ma sar da parti tas-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk saret il-kawza;

<u>L-ewwel eccezzjoni</u>:

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet li l-ammont mitlub mhux dovut peress li l-kuntratt li fuqu hi bbazata t-talba gie konkjuz qabel ma giet kostitwita s-socjeta` konvenuta u ghalhekk fil-konfront ta' l-istess socjeta` konvenuta huwa irritu, null u minghajr esiztenza;

Illi l-kuntratt in kwistjoni huwa l-ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet, li diga saret referenza ghalih (Dok AV8 – fol 836-838). Dan huwa datat 1 ta' April 1992. Brian Reid li ffirma l-kuntratt ghan-nom tas-socjeta` attrici xehed li l-kuntratt effettivament gie ffirmat f'Settembru 1992 u peress li s-socjeta` konvenuta kienet xtaqet li l-effetti jkunu retroattivi, gie backdated ghall-1 ta' April 1992. Is-socjeta` konvenuta qed tinnega din l-allegazzjoni;

Illi l-perit legali ghamel referenza ghall-ittra tas-socjeta` Camarco Limited datata 2 ta' Lulju 1992 (AV 4 – fol 823) u mibghuta lis-socjeta` attrici fejn informatha li meta jsir il-ftehim gdid bejn Camarco Limited/AWT u l-Malta Countertrade kien ser jigi ffirmat kuntratt ta' kollaborazzjoni bejn is-socjeta` attrici u Camarco Limited. Jirrizulta ukoll li s-socjeta` Baize Textiles Exports Limited giet nfurmata bil-ftehim ta' bejn il-Malta Countertrade Co Limited u l-Camarco Trading Limited/AWT permezz ta' ittra datata 14 ta' Dicembru 1992 (AV5 – fol 824). L-ittra tghid *"... by virtue of a recent agreement signed between ourselves on the one part and Camarco Trading* Limited *and Creditanstalt-AWT Finanziaria SpA on the other part, we have granted to the said two companies the exclusive right to carry out on their own responsibility countertrade operations in terms of the Trade Protocol dated 11$^{th}$ February 1991 signed between Malta and Russia."* Dan ifisser ghalhekk li l-ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet in kwistjoni bilfors li gie ffirmat f'Dicembru 1992 jew wara;

Illi l-Qorti Ingliza kienet dahlet fil-kwistjoni tad-data tal-ftehim ta' Kollaborazzjoni bejn il-partijiet in kwistjoni, fil-kawza Greens International Marketing SA u Baize Textiles vs Camarco Trading Limited u kkonkludiet li l-imsemmi ftehim gie ffirmat jew fl-ahhar ta' l-1992 jew fl-1993. "*It is accepted that the agreement must have been signed either later 1992 or in the first eight months of 1993"*. ;

Illi skond l-istess sentenza jidher li s-socjeta` konvenuta giet inkorporata f' Settembru 1992. *"Mr Castillo said that he recollected seeing the agreement at a time which must*

*have been before the incorporation of Camarco Trading in September."* Il-perit legali spjega li minn qari tal-paragrafu kollu jirrizulta li r-referenza ghax-xahar ta' Settembru hija necessarjament ghas-sena 1992. Dwar din ir-referenza partikolari fuq x'qal Mr Castillo, u cio'e li kien ra l-ftehim qabel l-inkorporazzjoni ta ' Camarco Trading qabel Settembru 1992, il-Qorti Ingilza kienet ikkunsidrat din il-verzjoni ta' l-istess Castillo dwar l-ezistenza tal-ftehim qabel l-inkorporazzjoni tas-socjeta` konvenuta bhala mhux attendibbli u qalet li *"this evidence Mr Castillo could not be right"*, u dan peress li kif diga inghad, wara li ezaminat il-provi il kellha, hija skartat l-allegazzjoni li l-ftehim kien sar qabel l-inkorporazzjoni tal-Camarco Trading Limitedu cio'e qabel Settembru, kief insista l-istess Castillo;

Illi l-perit legali issottometta li huwa kien jaqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Qrati Inglizi. Billi ghalhekk jidher li s-socjeta` konvenuta giet inkorporata f' Settembru 1992 u l-ftehim ta' kollaborazzjoni bilfors gie ffirmat wara Dicembru 1992, allura ghall-kuntrarju ta' dak li gie eccepit, meta gie ffirmat il-ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet, is-socjeta` konvenuta kienet fil-fatt inkorporata u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tregix;

<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>:

Illi fit-tieni eccezzjoni s-socjeta` konvenuta eccepiet li l-kuntratt, jekk qatt rabatha, gie rizolt ai termini ta' artklu 117 tal-Kodici Kummercjali (il-kundizzjoni rizoluttiva tacita) peress li s-socjeta` attrici ma esegwietx l-obbligi taghha taht l-imsemmi kuntratt;

Illi l-obbligi tas-socjeta` attrici kienu li tfittex prodotti fir-Russja sabiex dawn jigu esportati lejn Malta u kellha tiehu hsieb ukoll xoghol relatat mal-garr ta' l-istess prodotti mir-Russja ghal Malta;

Illi l-perit legali osserva li kif jidher mid-Dokument AV 19 (fol 808) ir-rizultati miksuba fis-snin 1992 u 1993 ma kinux pozittivi daqs dawk miksuba fis-sena 1991, pero b'daqshekk ma jfissrix li s-socjeta` attrici naqset mill-

obbligi taghha. Huwa osserva ukoll illi imkien fil-kuntratt AV8 ma ssemmew figuri ta’ importazzjoni illi s-socjeta` attrici kellha tassigura, kif kien sar fil-kuntratt ta’ kollaborazzjoni bejn il-Malta Countertrade u s-socjeta` estera AWT (Dok EM3, art.10 – fol 733). Lanqas ma jirrizulta li s-socjeta` konvenuta qatt ilmentat mas-socjeta` attrici li din ma kinitx qed tonora l-obbligi taghha, anzi dejjem ippromettiet li kienet ser thallas il-kummissjonijiet dovuti. Ghalkemm wara Dicembru 1992 ma sar ebda pagament iehor, is-socjeta` konvenuta dejjem accettat li kienet debitrici tas-socjeta` attrici u ppromettiet kemm-il darba li kienet be hsiebha taffettwa pagament;

Illi l-Qorti, bhall-perit legali, mhix sodisfatta li s-socjeta` attrici naqset b’xi mod mill-obbligi taghha u ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-istess perit li din it-tieni eccezzjoni ghandha ukoll tigi michuda;

<u>It-tielet eccezzjoni</u>:

Illi f’din l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta tippretendi li ssir prova ta’ dak kollu li ghamlet is-socjeta` attrici biex gie kkreat favur taghha l-kreditu mitlub, kif ukoll il-bazi tal-kalkoli relattivi;

Illi l-perit legali irrefera ghall-iStatement of Account u fatturi u dokumenti ohra (Dok AV38 – fol 917 – 943) u ghamel ezami dettaljat taghhom. Huwa ikkonkluda li l-kummissjoni dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta ghall-perijodu April 1992 sa Settembru 1993 hija ta’ $1,029,564.86. Minn dawn ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta’ $56,002 li kienet diga thallset mis-socjeta` konvenuta ($43,370 Invoice 059/92; $11,500 cash advance fit-2 ta’ Settembru 1992, u $1,132 skond cash invoice 082/92);

Illi ghalhekk il-bilanc li s-socjeta` konvenuta fadlilha thallas lis-socjeta` attrici huwa ta’ $973,563;

Illi l-ammonti involuti huma mitluba f’dollari Amerikani li kienet il-valuta uzata u indikata fit-transazzjonijiet relattivi

u skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-ammont kanonizzat ghandu jkun f'liri Maltin u skond ir-rata tal-kambju li kienet applikabblimeta kien dovut il-kreditu (ara **Vol. XXVII P III p 371 u Vol. XXX P I p 23**).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, limitatament fis-sens li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija tlieta u sebghin elf, hames mija tlieta u sittin dollaru Amerikani (US$973,563) liema somma tithallas f'liri Maltin mehud kont tar-rata tal-kambju bejn iz-zewg muniti li kienet applikabbli fit-30 ta' Settembru 1993, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuti *nomine*.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur